



PAKKETT TA' INFORMAZZJONI GĦALL- VOLUNTIERA

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Flimkien naslu

Verżjoni 1 - 2024

European
Solidarity Corps

PAKKETT TA' INFORMAZZJONI GĦALL-VOLUNTIERA

Korp Ewropew ta' Solidarjetà – B'saħħitna fl-għaqda

Awguri u merħba fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà! Intgħażilt biex tipparteċipa fl-attività ta' volontarjat. Il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin jistgħu jkunu esperjenza li tħalli impatt fuq il-ħajja tiegħek.

Permezz tal-parteċipazzjoni tiegħek fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, se jkollok l-opportunità li tgħix f'post ġdid, titgħallem dwar kulturi differenti, tagħmel ħbieb ġodda, tagħti xi ħaġa lura, tikkontribwixxi għall-komunitajiet lokali u tibni soċjetà aktar inklużiva, fiwaqt li tagħti spinta lill-ħiliet tiegħek, tespandi n-network soċjali tiegħek u tħejji għas-suq tax-xogħol. Flimkien nistgħu nagħmlu differenza biex intejbu s-soċjetà u lilna nfusna.

Dan il-Pakkett ta' Informazzjoni meħmuż ma' din l-ittra se jgħinek tipprepara għall-esperjenza tiegħek fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Se titgħallem dwar dak li tista' tistenna mill-organizzazzjoni(jiet) involuta(i) fl-attività tiegħek u x'inhu mistenni minnek.

Nittamaw li tagħmel l-aħjar użu mill-esperjenza tiegħek, u nawgurawlek l-isbaħ xewqat!

Il-Kummissjoni Ewropea

X'JINKLUDI

INTRODUZZJONI	4
KORPI TA' IMPLIMENTAZZJONI U KUNTATTI	4
<i>Organizzazzjonijiet parteċipanti</i>	4
<i>Aġenziji Nazzjonali u ċentri ta' riżorsi SALTO.....</i>	5
<i>Il-Kummissjoni Ewropea</i>	5
QABEL TITLAQ...	5
<i>Viżi u permessi ta' residenza.....</i>	5
<i>Ftehim ta' volontarjat.....</i>	6
<i>Assigurazzjoni</i>	6
APPOĠĠ FINANZJARJU	6
KOMPITI U RESPONSABBILTAJIET	7
TAĦRIĠ U APPOĠĠ GĦALL-PARTEĊIPANTI	8
<i>Għandek bżonn xi ħaġa?</i>	8
<i>Ċiklu ta' taħriġ u evalwazzjoni.....</i>	8
<i>Appoġġ għall-apprendiment tal-lingwi</i>	8
<i>It-Taħriġ Online Generali</i>	9
<i>Mentoraġġ.....</i>	9
<i>Mentoraġġ imsaħħaħ.....</i>	9
<i>Karta taż-Żgħażaġħ tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (Karta Ewropea tal-Voluntiera).....</i>	9
<i>Youthpass u rikonoxximent tal-eżiti tat-tagħlim</i>	10
<i>Ċertifikat tal-parteeipazzjoni</i>	10
<i>Rapport tal-parteeipant.....</i>	10
ĠESTJONI TAR-RISKJU U TAL-KONFLITT.....	10
PRIJORITAJIET TA' POLITIKA FIL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ	11
LISTA TA' KONTROLL	11
<i>Networking</i>	12
XI JMISS WARA L-ATTIVITÀ TA' VOLONTARJAT?	12
LISTA TA' KUNTATTI	13
ANNEX I – PRINĊIPJI	14
ANNEX II – KOMPITI U RESPONSABBILTAJIET TAL-ORGANIZZAZZJONIJET PARTEĊIPANTI LI GĦANDHOM TIKKETTA TA' KWALITÀ.....	15

INTRODUZZJONI

Dan id-dokument huwa maħsub għalik bħala voluntier tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, biex jgħinek tinnaviga d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek u biex jagħtik idea x'għandek tistenna qabel, matul u wara l-attività ta' volontarjat. L-oġġettiv ewlieni ta' dan il-Pakkett ta' Informazzjoni huwa li jiġi ċċarat ir-rwol li kull attur involut fil-proġett (l-organizzazzjonijiet u l-voluntiera) għandu jieħu, sabiex flimkien joħolqu ambjent pożittiv għal attività tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-linji gwida deskritti f'dan id-dokument iqisu l-varjetà kbira tas-sħab tal-proġett, tal-formats u tal-oqsma tal-proġett, u jeħtieġ li jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull proġett. Il-linji gwida jikkomplementaw l-informazzjoni mogħtija fil-[Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà](#)¹ u għandhom jingħataw lill-voluntiera kollha qabel it-tluq.

Il-voluntiera kollha jgħibu magħhom ideat, aspettattivi, ħtiġijiet u drawwiet li jistħoqqilhom isibu ambjent ospitanti ta' rispett u fiduċja, riċettiv tal-ispeċifikitajiet individwali. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti spiss jiddedikaw ħafna ħin, enerġija u riżorsi biex jistabbilixxu proġett tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; jekk jogħġbok irrispetta l-isforz tagħhom, kif ukoll il-komunitajiet lokali u n-nies li jieħdu ħsieb l-attivitajiet b'mod dirett.

KORPI TA' IMPLIMENTAZZJONI U KUNTATTI

Organizzazzjonijiet parteċipanti

L-attivitajiet ta' volontarjat jiġu implimentati minn organizzazzjoni parteċipanti waħda jew aktar, li se tkun **l-ewwel punt ta' kuntatt** tiegħek. L-organizzazzjonijiet parteċipanti jridu jieħdu ħsieb l-arranġamenti prattiċi u l-appoġġ u jiggwidaw fil-fażijiet kollha tal-proġett. Il-proġetti normalment ikollhom tliet tipi ta' organizzazzjonijiet parteċipanti involuti:

- a) **l-organizzazzjoni ewlenija** li tikkoordina l-proġett
- b) **l-organizzazzjoni ospitanti** mill-pajjiż ospitanti u
- c) **l-organizzazzjoni ta' appoġġ** mill-pajjiż ta' residenza tiegħek.

Għall-attivitajiet fil-pajjiż (fil-pajjiż ta' residenza tiegħek) u għat-timijiet ta' volontarjat, jista' jkun hemm biss l-organizzazzjoni ospitanti jew ta' appoġġ involuta, li f'dak il-każ, l-organizzazzjoni tkun qiegħda tassumi kemm rwol ospitanti kif ukoll ta' appoġġ. Huwa possibbli li l-organizzazzjoni ewlenija tagħxi wkoll bħala organizzazzjoni ospitanti u/jew ta' appoġġ. L-organizzazzjonijiet kollha ġew ivverifikati mill-Aġenziji Nazzjonali u ngħataw it-Tikketta ta' Kwalità biex jiżguraw li jipprovdulek esperjenza ta' volontarjat ta' kwalità għolja.

L-organizzazzjoni ta' appoġġ mill-pajjiż ta' residenza tiegħek se tgħinek tipprepara biex tmur barra pajjiżek **qabel l-attività**, tibqa' f'kuntatt miegħek **matul l-attività** u tgħin biex issolvi kwistjonijiet potenzjali mal-organizzazzjoni ospitanti tiegħek u tipprovdulek appoġġ meta tirritorna. **Wara l-attività** se tirċievi għajnuna mill-organizzazzjoni ta' appoġġ fl-evalwazzjoni tal-parteeċipazzjoni tiegħek fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-kondiviżjoni tal-esperjenza tiegħek. Tista' tikseb ukoll għajnuna fir-riintegrazzjoni fil-komunità domestika u gwida fl-aċċess għas-suq tax-xogħol, u għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ ulterjuri.

¹ Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (Gwida tal-programm):
https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/reference-documents-resources_mt

L-**organizzazzjoni ospitanti** tiegħek tilqgħak u tgħinek fid-destinazzjoni tiegħek, tiggwidak u tappoġġjak fil-fażijiet kollha tal-attività u torganizza l-akkomodazzjoni, l-ikel u l-arranġamenti prattiċi tiegħek. **Qabel it-tluq**, għandek tirċievi informazzjoni ċara dwar l-attività tiegħek tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mill-organizzazzjoni ospitanti, b'mod partikolari dwar il-kompiti li għandhom jitwettqu, it-taħriġ u l-appoġġ disponibbli, u għandek tirċievi dan il-Pakkett ta' Informazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **Matul l-attività**, għandek tirċievi appoġġ u gwida xierqa relatati mal-kompiti mingħand l-organizzazzjoni ospitanti biex tkun tista' twettaq il-kompiti miftiehma.

L-**organizzazzjoni ewlenija** tapplika għall-għotjiet, timmaniġġja l-fondi mogħtija u tikkoordina l-proġett.

Fl-aħħar ta' dan il-Pakkett ta' Informazzjoni, tista' tara l-lista sħiħa ta' kompiti u responsabbiltajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti.

Aġenziji Nazzjonali u ċentri ta' riżorsi SALTO

Il-proġetti jingħataw mill-**Aġenziji Nazzjonali** stabbiliti fil-pajjiżi parteċipanti. L-Aġenziji Nazzjonali jipprovdu informazzjoni dwar il-programm, jivverifikaw li l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jirrispettaw l-istandards ta' kwalità għall-implimentazzjoni tal-proġetti u jibagħtu u jospitaw voluntiera, jagħżlu proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, jimmonitorjaw u jevalwaw il-proġetti u jappoġġjaw lill-voluntiera u lill-organizzazzjonijiet, inkluż billi jorganizzaw taħriġ u avvenimenti għall-voluntiera. F'każ li tinqala' sitwazzjoni serja, li ma tistax issolvi mal-organizzazzjoni ospitanti jew ta' appoġġ tiegħek, tista' tikkuntattja lill-aġenzija f'pajjiżek jew fil-pajjiż tal-attività. Jekk l-attività ta' volontarjat tiegħek issejtni f'pajjiż barra l-Unjoni Ewropea, tista' tikkuntattja wieħed miċ-**ċentri reġjonali ta' riżorsi għaż-żgħażagħ SALTO**. Il-lista ta' kuntatti għall-Aġenziji Nazzjonali u SALTO tinsab fuq: [Aġenziji Nazzjonali ta' Kuntatt | Portal Ewropew taż-Żgħażagħ](#)².

Il-Kummissjoni Ewropea

Fl-aħħarmill-aħħar, il-Kummissjoni Ewropea hija dik responsabbli għat-tmexxija tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-Kummissjoni Ewropea terfa' wkoll ir-responsabbiltà ġenerali għas-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-istrutturi inkarigati mill-implimentazzjoni tal-programm fil-livell nazzjonali.

QABEL MA TITLAQ...

Tista' taqra aktar dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-[Portal Ewropew taż-Żgħażagħ](#)³. Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ joffri informazzjoni u opportunitajiet Ewropej u nazzjonali li huma ta' interess għaż-żgħażagħ li qed jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fl-Ewropa. L-informazzjoni hija pprovduta wkoll f'28 lingwa.

Viżi u permessi ta' residenza

Jista' jkollok bżonn jew viża u/jew permess ta' residenza meta tmur minn pajjiż għal ieħor biex tiegħu sehem fl-attività tal-Korp tiegħek. Nirrakkomandaw bis-sħiħ li tagħmel it-talba tiegħek għal kwalunkwe permess tal-ivvjaġġar jew ta' residenza bil-quddiem sew, peress li l-proċess jista' jieħu

² https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/contact-national-agencies_mt

³ Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ https://youth.europa.eu/solidarity_mt

bosta ġimgħat. Tista' u għandek titlob li tirċievi għajnuna mill-organizzazzjonijiet parteċipanti biex tikseb viża. Jekk ikun meħtieġ u jekk tintalab tagħmel dan fi żmien xieraq, l-Aġenzija Nazzjonali jew SALTO jistgħu joħorġu ittri li jappoġġjaw l-applikazzjoni tiegħek għal viża.

Ftehim ta' volontarjat

Qabel ma titlaq biex tibda l-attività tiegħek, int u l-organizzazzjoni tiegħek għandkom tiffirmaw **ftehim ta' volontarjat** li jiddetermina mill-inqas l-aspetti li ġejjin tal-attività tiegħek: id-drittijiet tiegħek, ir-responsabbiltajiet tal-voluntiera u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, l-appoġġ finanzjarju u dak mhux finanzjarju, ir-rwoli u l-kompiti li għandhom jitwettqu matul l-attività.

Assigurazzjoni

Prinċipju ewlieni għall-attivitajiet kollha mwettqa skont il-Korp huwa li l-voluntiera jridu jkunu sikuri f'kull ħin. Int se tkun assigurat matul l-attività tiegħek, jew permezz tal-assigurazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea (għal attivitajiet transfruntieri) jew permezz tas-sistema tas-saħħa nazzjonali jew assicurazzjoni personali privata (għal attivitajiet fil-pajjiż proprju).

Għal attivitajiet transfruntieri:

- Jekk int ċittadin jew resident temporanju ta' kwalunkwe pajjiż tal-UE, tal-Iżlanda, ta' Liechtenstein jew tan-Norveġja u jekk se tagħmel volontarjat f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, **qabel it-tluq trid tikseb il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (EHIC, European Health Insurance Card)**⁴ (mingħajr ħlas). Minbarra l-assigurazzjoni pprovduta mill-EHIC, se tirċievi **kopertura komplementari** – il-pjan tal-assigurazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea u operat mill-fornitur tal-assigurazzjoni Henner.
- Jekk tkun ġej jew sejjer lejn pajjiż li ma jappoġġjax il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa, se tirċievi **kopertura primarja** permezz tal-pjan tal-assigurazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea u operat minn Henner.

Qabel it-tluq, jekk jogħġbok aqra bir-reqqa l-**Gwida ta' Henner għall-pjan tal-assigurazzjoni** għall-voluntiera tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u sir af aktar dwar il-proċeduri, il-benefiċċji u r-rimborżi inklużi. Se tirċievi l-Gwida permezz tal-email li ttik merħba mibgħuta minn Henner li tindika li int irreġistrat u kopert mill-assigurazzjoni. Il-Gwida tista' tinstab u titniżżel ukoll mis-sit web ta' Henner.

Informazzjoni ta' kuntatt: clientservice-ESC@henner.com, +34 9 17 89 57 22

Sit web ta' Henner: <https://esc.henner.com/esc/en/auth/login> (aċċess bl-ID ta' Henner li tirċievi fil-posta ta' merħba)

Għal attivitajiet fil-pajjiż:

Jekk l-attività ta' volontarjat tiegħek se ssir fil-pajjiż ta' residenza tiegħek, u jekk ikollok bżonn assicurazzjoni biex tilħaq l-istess kopertura bħall-kopertura tal-assigurazzjoni għal attivitajiet transfruntieri (jekk din ma tkunx diġà koperta mis-sistema tas-saħħa nazzjonali tiegħek), l-organizzazzjoni ospitanti tiegħek trid tipprovdilek assicurazzjoni personali privata u din tista' tuża spejjeż eċċezzjonali biex tiffinanzja.

APPOĠĠ FINANZJARJU

Il-parteeipazzjoni fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà hija **bla ħlas** għall-voluntier. Ma għandekx tiġi ċċarġjat, la kompletament u lanqas parzjalment, u lanqas direttament jew indirettament, talli tiegħu sehem f'attività tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ħlief għal kontribuzzjoni possibbli għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar fi proġetti mis-snin tas-sejħa 2021–2024).

⁴ Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=559&langId=mt>

Tista' taċċessa wkoll firxa ta' servizzi bla ħlas – ara hawn taħt it-taqsima dwar it-*Taħriġ u appoġġ għall-parteċipanti*.

Int intitolat għall-**ispejjeż tal-ivvjaġġar** mill-post ta' oriġini tiegħek sal-post tal-attività u r-ritorn, **l-ikel u l-akkomodazzjoni mingħajr ħlas u l-ispejjeż ta' sussistenza**, bħall-ivvjaġġar lokali pprovdut mill-organizzazzjoni ospitanti. L-akkomodazzjoni tiegħek trid tibqa' disponibbli għalik matul il-perjodu kollu tal-attività, inkluż il-vaganzi. L-organizzazzjonijiet parteċipanti jridu jiżguraw li tgħix f'akkomodazzjoni sikura u nadifa u li tkun tista' tiekol biżżejjed ikel tajjeb għas-saħħa.

Se tirċievi allowance żgħira (**stipendju**) għall-ispejjeż personali tiegħek matul l-attività, inkluż il-jiem tal-ivvjaġġar u l-vaganzi. L-istipendju ma jistax ikopri l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett, (pereżempju t-trasport lokali jew l-ikel) peress li hu maħsub għall-ispejjeż personali tiegħek. L-ammont ta' stipendju kuljum huwa bbażat fuq il-pajjiż ospitanti u s-sena tas-sejħa tal-proġett (is-sena li fiha jkun ingħata l-proġett: is-sena hija parti mill-kodiċi tal-proġett fl-offerta tal-PASS – pereżempju 2024-1-TR01-ESC51-VTJ-000XXXXXX) – għal kull sena, tista' tara l-ammonti fil-[Gwida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà](#)⁵ (ara l-parti B – *Proġetti ta' volontarjat taħt "X'inhuma l-kostijiet unitarji għal kull jum u għal kull parteċipant?"* – Tabella A3 "Stipendju").

KOMPITI U RESPONSABBILTAJIET

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa attività full-time, li tiegħu mill-inqas **30 siegħa u mhux aktar minn 38 siegħa fil-ġimgħa** (li jinkludu attivitajiet lingwistiċi u attivitajiet oħra ta' taħriġ relatati mal-proġett). Int intitolat għal **jumejn konsekuttivi mingħajr xogħol fil-ġimgħa** (sakemm ma jkunx organizzat mod ieħor bi ftehim reċiproku bejnek u bejn l-organizzazzjoni u dan ikun ġie ddikjarat b'mod espliċitu fil-ftehim ta' volontarjat) u jumejn ta' btala fix-xahar. Il-perjodi ta' vaganza u l-jiem ta' mistrieħ fil-ġimgħa għandhom jiġu miftiehma bejnek u bejn l-organizzazzjoni ospitanti tiegħek.

M'għandekx twettaq kompiti ta' rutina li normalment jitwettqu minn impjegati mħallsa. M'għandekx twettaq kompiti b'responsabbiltà kbira waħdek jew mingħajr superviżjoni. M'għandekx tkun unikament responsabbli għall-kura individwali ta' persuni vulnerabbli (trabi jew tfal; nies morda, anzjani jew persuni b'diżabbiltà, eċċ.) fuq bażi ta' kuljum.

Għandek tiġi mħeġġeġ tuża l-ideat, il-kreattività u l-esperjenza tiegħek stess biex tiegħu rwol attiv fl-istabbiliment tal-attività tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tiegħek flimkien mal-organizzazzjonijiet involuti, u tiżviluppa l-inizjattivi tiegħek stess relatati mal-ħidma tal-organizzazzjoni ospitanti.

Kwalunkwe bidla fil-proġett u fil-kompiti, fl-oqsma ta' responsabbiltà, ta' appoġġ u ta' taħriġ tiegħek trid tibqa' konformi mal-istruttura ġenerali tal-proġett miftiehem u approvat u trid tiġi miftiehma bejnek u bejn l-organizzazzjoni ospitanti.

Kun af li għandek tirrispetta r-regoli u l-istruttura organizzattiva tal-organizzazzjoni ospitanti, u tiegħu ħsieb sew l-akkomodazzjoni li ġiet ipprovduta lilek. Waqt li tkun barra minn pajjiżek, għandek tagħti lill-organizzazzjoni ta' appoġġ feedback regolari dwar l-esperjenza tiegħek u tevalwa l-proġett kollu mal-organizzazzjoni ta' appoġġ mar-ritorn tiegħek. Għandek tikkonforma wkoll mal-liġijiet fil-pajjiż ospitanti.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti jridu jiżguraw kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità personali tiegħek, u jkun konformi mal-liġijiet nazzjonali tal-pajjiż ospitanti.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards ta' kwalità ta' kull attività tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Dawn il-prinċipji huma enfasizzati fil-[Gwida tal-Korp](#)

⁵ https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/reference-documents-resources_mt

[Ewropew ta' Solidarjetà](#)⁶ (ara l-parti B – Tikketta ta' Kwalità taħt "X'inhuma l-Prinċipji u l-Istandards ta' Kwalità?").

TAĦRIĠ U APPOĠĠ GĦALL-PARTEĊIPANTI

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi firxa ta' servizzi ta' appoġġ għall-partiċipanti, biex jiżgura mhux biss li tagħmel l-aħjar użu mill-esperjenza tiegħek, iżda wkoll li titgħallem kemm tista'.

Għandek bżonn xi ħaġa?

Qed tiffaċċja ostakli soċjali, ekonomiċi, tas-saħħa, tat-tagħlim jew tipi oħra ta' ostakli? Il-programm joffri appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-organizzazzjonijiet biex jakkomodaw aħjar il-ħtiġijiet tiegħek kif ukoll firxa ta' miżuri ta' appoġġ (pereżempju, mentoraġġ imsaħħaħ, akkumpanjatur eċċ.) biex tkun tista' tipparteċipa f'attivitajiet fuq termini ugwali bħall-oħrajn. Int liberu li tinforma lill-organizzazzjonijiet ospitanti u ta' appoġġ dwar kwalunkwe ċirkostanza li tista' tinfluwenza l-kapaċità tiegħek li twettaq il-kompiti, u taqsam magħhom jekk teħtieġ l-għajjuna minħabba li għandek xi bżonnijiet speċjali. Jekk ikun meħtieġ, għandek tipprovdi wkoll informazzjoni preċiża dwar il-ħtiġijiet tiegħek relatati mas-saħħa. Tista' tiegħu sehem ukoll fiż-żjara preparatorja fil-post tal-attività ta' volontarjat qabel il-bidu tal-attività, sabiex tkun tista' tkun involut fit-tfassil tal-attività u l-ħtiġijiet tiegħek ikunu jistgħu jitqiesu mill-bidu.

Ċiklu ta' taħriġ u evalwazzjoni

Il-programm joffrilek sensiela ta' avvenimenti u sessjonijiet ta' taħriġ li jagħtuk gwida u appoġġ, jgħinuk tadatta għall-isfidi kulturali u personali, titgħallem dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħek, kwistjonijiet prattiċi, komunikazzjoni interkulturali, issir taf voluntiera oħra, tibqa' f'kuntatt mal-Aġenziji Nazzjonali, tivvaluta l-esperjenza tiegħek u aktar.

- a) **Jekk l-attività tiegħek hija itwal minn xahrejn (2)**, se tiġi mistieden għal: Taħriġ ta' qabel it-tluq (obbligatorju għall-attivitajiet transfruntieri, fakultattiv għall-pajjiż tiegħek), Taħriġ mal-wasla, Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (għal attivitajiet ta' 6 xhur u aktar biss) u Avveniment annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
- b) **Jekk l-attività tiegħek hija iqsar minn xahrejn (2)**, tiġi mistieden għal: Taħriġ ta' qabel it-tluq (obbligatorju għall-attivitajiet transfruntieri, fakultattiv għall-pajjiż tiegħek), Taħriġ mal-wasla u Avveniment annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Appoġġ għall-apprendiment tal-lingwi

L-Appoġġ Lingwistiku Online (OLS, Online Language Support) huwa servizz imfassal biex jgħinek ittejjeb l-għarfien tal-lingwa li se tuża biex twettaq il-kompiti ta' volontarjat, u tista' tużah ukoll biex titgħallem lingwi oħra, mingħajr ebda restrizzjoni dwar l-għadd ta' korsijiet u lingwi. Tista' [taċċessa l-OLS](#)⁷ bl-EU login tiegħek u tibda korsijiet online anki qabel it-tluq tiegħek. L-OLS isir fuq pjattaforma ta' ġestjoni tal-apprendiment tal-Kummissjoni Ewropea msejja [EU Academy](#)⁸.

Jekk il-lingwa jew il-livell ta' ħidma ma jkunx koperti mill-OLS jew jekk ikollok bżonn assistenza addizzjonali, l-organizzazzjoni ospitanti tiegħek tista' tappoġġa t-tagħlim tal-lingwi tiegħek permezz tal-organizzazzjoni ta' lezzjonijiet formali jew informali. Il-format, it-tul ta' żmien u l-frekwenza se jiddependu fuq il-ħtiġijiet tiegħek, il-kompiti tal-proġett u r-riżorsi disponibbli għall-organizzazzjoni.

⁶ https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/reference-documents-resources_mt

⁷ <https://academy.europa.eu/local/euacademy/pages/course/community-overview.php?title=learn-a-new-language>

⁸ <https://academy.europa.eu/?lang=ma>

It-Taħriġ Online Ġenerali

It-Taħriġ Online Ġenerali huwa sett ta' moduli ta' taħriġ fakultattivi għall-kandidati u l-voluntiera rreġistrati pprovduti permezz tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-[EU Academy](https://academy.europa.eu/?lang=ma)⁹. Is-suġġetti jinkludu: il-missjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti, il-valuri Ewropej, ir-rwoli li l-UE għandha fil-ħajja tagħna ta' kuljum, is-sensibilizzazzjoni interkulturali, is-saħħa u s-sikurezza, l-għażliet wara l-esperjenza ta' volontarjat eċċ. Tista' [taċċessa t-Taħriġ Online Ġenerali](https://youth.europa.eu/news/european-solidarity-corps-general-online-training-available_mt)¹⁰ permezz tal-profil tal-Korp tiegħek, billi tikklikkja fuq iż-żigarella "Taħriġ online".

Mentoraġġ

Matul l-attività, il-voluntiera kollha jiġu akkoppjati ma' mentor maħtur mill-organizzazzjoni parteċipanti. Il-mentor se jagħtik appoġġ personali u se jkun is-sors ewlieni ta' konsulenza tiegħek, filwaqt li l-gwida u s-superviżjoni relatati mat-twettiq tal-kompiti se jiġu offruti minn persuna differenti. Sabiex ikun hemm komunikazzjoni miftuħa, il-mentors ma jistgħux ikunu s-superviżuri diretti tiegħek jew ikunu involuti fil-kompiti tiegħek ta' kuljum, sabiex tinżamm l-oġġettività. Ir-rwol tal-mentor huwa li jgħinek rigward diversi aspetti tal-esperjenza tiegħek, l-integrazzjoni fil-proġett u fil-komunità l-ġdida, ir-rikonoxximent tat-tagħlim, il-benesseri personali, il-benesseri fit-tim, is-sodisfazzjon bil-proġett eċċ. Inti mistenni tattendi laqgħat informali mal-mentor tiegħek matul l-attività tiegħek, u dawn is-sessjonijiet se jipprovdulek opportunitajiet għal gwida, feedback u soluzzjoni tal-problemi. Il-mentoraġġ huwa mfassal apposta individwalment u, għalhekk, il-kontenut u l-frekwenza tal-laqgħat ivarjaw skont il-ħtiġijiet individwali tiegħek.

Mentoraġġ imsaħħaħ

Jekk ikun hemm xi ostakli li jagħmlu l-parteċipazzjoni tiegħek aktar diffiċli, jekk tħoss li għandek inqas opportunitajiet (pereżempju, diffikultajiet fit-tagħlim, differenzi kulturali, diżabbiltajiet, eċċ.) jew jekk ma tkunx tista' timplimenta attività b'mod indipendenti jew b'appoġġ ta' mentoraġġ regolari, tista' tibbenefika minn proċess ta' mentoraġġ intensifikat – kuntatt aktar mill-qrib, laqgħat aktar frekwenti, aktar ħin allokat għall-implimentazzjoni tal-kompiti u l-appoġġ matul il-ħinijiet tal-volontarjat u anki barra minnu. Mentoraġġ imsaħħaħ se jgħinek tikseb kemm jista' jkun awtonomija u se jappoġġjak fl-implimentazzjoni ta' suċċess tal-attivitàjiet tal-proġett tiegħek.

Karta taż-Żgħażaġħ tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (Karta Ewropea tal-Voluntiera)

Imħaddma mill-Assoċjazzjoni tal-Karta Ewropea taż-Żgħażaġħ (EYCA, European Youth Card Association), il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA, European Education and Culture Executive Agency), il-Karta taż-Żgħażaġħ tal-KES (Korp Ewropew ta' Solidarjetà) hija karta diġitali li tagħtik aċċess għal aktar minn 30,000 skont u opportunità disponibbli f'aktar minn 35 pajjiż fix-xogħol tan-network tal-Karta Ewropea taż-Żgħażaġħ. Il-karta hija valida għal 18-il xahar mill-mument li tirċeviha permezz tal-email. Tista' tużaha kemm f'pajjiżek kif ukoll barra minn pajjiżek, matul u wara l-attività ta' volontarjat tiegħek. Hemm kategoriji differenti ta' skontijiet bħall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, il-kultura, it-tagħlim, l-ikel u x-xorb, l-isports, eċċ. Iċċekkja l-iskontijiet kollha madwar l-Ewropa u ikseb aktar informazzjoni fuq [European Volunteer Card - EYCA & Do more. Be more.](https://youth.europa.eu/news/european-solidarity-corps-general-online-training-available_mt)

⁹ <https://academy.europa.eu/?lang=ma>

¹⁰ https://youth.europa.eu/news/european-solidarity-corps-general-online-training-available_mt

Youthpass u rikonoxximent tal-eżiti tat-tagħlim

[Youthpass¹¹](#) hija għodda li tgħinek tidentifika u tiddokumenta l-eżiti tat-tagħlim li żviluppajt waqt il-proġett. Dan jippermettilek tiddekrivi dak li għamilt u turi dak li tkun tgħallimt – inklużi ħiliet li huma mhux formali jew informali. Dan kollu huwa stabbilit formalment f'ċertifikat tal-Youthpass u jista' jgħinek tapplika għal opportunitajiet u impjegi oħra wara l-esperjenza tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll itejjeb il-ħiliet tiegħek ta' awtovalutazzjoni u ta' awtopreżentazzjonijiet, għalhekk tinsix titlob iċ-ċertifikat tal-Youthpass tiegħek fi tmiem l-attività tiegħek.

Ċertifikat tal-parteċipazzjoni

Iċ-ċertifikat ta' parteċipazzjoni jiċċertifika li ħadt sehem fl-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fi tmiem iż-żmien tiegħek mal-Korp, iċ-ċertifikat ta' parteċipazzjoni tiegħek se jinħareġ permezz tal-Portal Ewropew għaż-Żgħażaġħ minn waħda mill-organizzazzjonijiet parteċipanti. Li jkollok prova tal-attivitajiet li għamilt fil-Korp ta' Solidarjetà tkun żieda addizzjonali siewja fil-*curriculum vitae* (CV) tiegħek.

Kulma għandek tagħmel hu li l-ewwel timla r-**rapport tal-parteċipant** biex tgħarrafna kif marret l-esperjenza tiegħek.

Rapport tal-parteċipant

Fi tmiem l-attività tiegħek, għandek timla r-**rapport tal-parteċipant**. Dan huwa kwestjonarju online li se jintbagħatlek permezz tal-email u ma għandux joħodlok aktar minn 10 minuti biex timlieh. Dan ir-rapport huwa opportunità biex permezz tiegħu jingħata feedback lill-organizzazzjoni u lill-Aġenzija Nazzjonali u biex jgħin fit-titjib tal-programm għall-parteċipanti futuri. Ir-rapport huwa obbligatorju wkoll biex tinħariġlek ċertifikat ta' parteċipazzjoni.

ĠESTJONI TAR-RISKJU U TAL-KONFLITT

M'għandek tagħxi bl-ebda mod li bih tpoġġi lilek jew lil ħaddieħor f'riskju ta' korriment jew ħsara. Jekk tinqala' sitwazzjoni ta' konflitt, tista' titlob lill-mentor tiegħek biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejnek u l-ambjent lokali jew l-organizzazzjoni ospitanti.

Il-mentor għandu jkun jista' jipprovdi evalwazzjoni indipendenti u oġġettiva tas-sitwazzjoni u jappoġġja l-faċilitazzjoni tas-soluzzjoni tal-konflitt. Jekk jinqala' konflitt bejnek u bejn il-mentor, tista' titlob lill-organizzazzjonijiet parteċipanti biex jaħtru persuna oħra bħala l-mentor tiegħek. Għandek tkun infurmat dwar ir-rwoli differenti fi ħdan il-proġett u tkun taf minn qabel min huwa l-persuna ta' kuntatt f'każ ta' emerġenza, f'sitwazzjonijiet ta' konflitt fil-proġett ospitanti, f'sitwazzjonijiet ta' konflitt mal-mentor u l-loġistika (l-ikel u l-akkomodazzjoni), eċċ.

F'każ ta' sitwazzjoni ta' konflitt, għandek tiġi appoġġjat u għandek tikkoopera b'mod attiv mal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex tevita problemi ta' komunikazzjoni.

Jekk iseħħ inċident serju, tista' tistenna li l-mentor jistabbilixxi u jżomm kuntatt xieraq mal-organizzazzjoni ta' appoġġ, il-qraba tiegħek (jekk ikun meħtieġ jew mitlub) u l-kumpanija ta' assigurazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

F'każ ta' inċident serju jew sitwazzjoni ta' konflitt li ma tistax tiġi solvuta b'modi oħra, tista' tagħżel li titlaq mill-proġett. Madankollu, dan għandu dejjem ikun l-aħħar rimedju u għandu jintlaħaq qbil dwaru mal-Aġenzija Nazzjonali.

¹¹ <https://www.youthpass.eu/en/>

RIJORITAJIET TA' POLITIKA FIL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

L-oġġettiv ġenerali tal-Korp huwa li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja, primarjament il-volontarjat, bħala mezz biex jissaħħu l-koeżjoni, is-solidarjetà, id-demokrazija, l-identità Ewropea u ċittadinanza attiva fl-Unjoni u lil hinn minnha, filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u umanitarji fuq il-post, b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, tal-inklużjoni soċjali u tal-opportunitajiet indaqs.

Minbarra l-oġġettivi tal-Korp, il-programm isegwi wkoll erba' prioritajiet trasversali applikabbli għall-azzjonijiet tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh u f'konformità mal-[Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ](#)¹²:

Inklużjoni u diversità – Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jfittex li jippromwovi opportunitajiet indaqs u aċċess, inklużjoni u ġustizzja. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet u l-ħtiġijiet tal-partekipanti b'inqas opportunitajiet mill-bidu.

Protezzjoni ambjentali, żvilupp sostenibbli u azzjoni klimatika – L-attivitajiet ta' volontarjat għandhom jitfasslu u jiġu implimentati b'kuxjenza ambjentali billi, pereżempju, jiġu integrati Prattiki sostenibbli bħall-ivvjaġġar ekoloġiku, il-materjali riutilizzabbli, it-tnaqqis tal-iskart, eċċ. – L-azzjonijiet żgħar tiegħek favur l-ambjent jistgħu joħolqu bidliet kbar!

Trasformazzjoni diġitali – Il-proġetti huma mħeġġa jżidu l-kooperazzjoni virtwali bejn il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet, jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-kompetenzi diġitali u/jew jiżviluppaw fehim tar-riskji u tal-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali. It-Taħriġ Online Ġenerali u l-Appoġġ Lingwistiku Online huma disponibbli għalik fuq il-pjattaforma [EU Academy](#)¹³, flimkien ma' riżorsi edukattivi siewja oħra.

Partekipazzjoni fil-ħajja demokratika – Proġetti ta' volontarjat għandhom jippromwovu l-partekipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi u l-involviment ċiviku u jagħtu s-setgħa liċ-ċittadinanza attiva. Fittex ispirazzjoni fis-[Sett ta' Riżorsi ta' Partekipazzjoni](#)¹⁴ żviluppata mis-SALTO Participation & Information.

LISTA TA' KONTROLL**Qabel l-attività:**

- aqra l-Pakkett ta' Informazzjoni u ċċekkja mal-organizzazzjoni ta' appoġġ tiegħek
- applika għal viża u/jew permess ta' residenza
- ikseb EHIC – Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (jekk applikabbli) u aqra l-gwida tal-assigurazzjoni
- iffirma l-ftehim ta' volontarjat
- ħu sehem fit-Taħriġ ta' qabel it-tluq (jekk applikabbli)
- ibda tgħallim il-lingwi bl-użu tal-OLS – Appoġġ lingwistiku online
- esplora t-Taħriġ Online Ġenerali

Matul l-attività:

- ħu sehem f'Taħriġ mal-wasla u f'Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (jekk applikabbli)
- iltaqa' regolarment mal-mentor tiegħek
- tgħallim il-lingwi billi tuża l-OLS

¹² https://youth.europa.eu/strategy_mt

¹³ <https://academy.europa.eu/?lang=ma>

¹⁴ <https://participationpool.eu/>

- hu vantaġġ mit-Taħriġ Online Ġenerali
- gawdi skontijiet permezz tal-Karta taż-Żgħażaġħ tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tiegħek

Wara l-attività:

- imla rapport qasir tal-parteċipant online u rċievi ċ-ċertifikat ta' parteċipazzjoni tiegħek
- itlob il-Youthpass tiegħek
- hu sehem fl-avveniment annwali għall-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- iċċekkja l-moduli ta' Taħriġ Online Ġenerali u l-moduli u l-korsijiet ta' wara l-attività
- uża l-Karta taż-Żgħażaġħ tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'pajjiżek u barra minn pajjiżek

Networking

- ingħaqad ma' parteċipanti oħra tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u aqsam l-esperjenza tiegħek ma' żgħażaġħ oħra permezz tal-komunità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà¹⁵ fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u tkellem ma' voluntiera oħra tal-Korp permezz tal-App tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

L-App tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà*Google Play Store**App Store***XI JMISS WARA L-ATTIVITÀ TA' VOLONTARJAT?**

Ibda proġett ta' solidarjetà lokali jew ingħaqad ma' opportunitajiet tal-Erasmus+ bħal ma huma l-iskambji taż-żgħażaġħ. Iċċekkja l-[Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ](https://youth.europa.eu/solidarity/young-people/community_en)¹⁶ u l-[Eurodesk Opportunity Finder](https://youth.europa.eu/_mt)¹⁷ għal aktar informazzjoni dwar opportunitajiet oħra ta' taġlim u volontarjat barra mill-pajjiż għaż-żgħażaġħ, kompetizzjonijiet, internships u għotjiet!

Tixtieq terġa' taġhmel volontarjat fil-KES?

Il-KES għandu l-għan li jagħti kemm jista' jkun żgħażaġħ iċ-ċans li jagħmlu volontarjat. Dan ifisser li hemm limiti dwar kemm-il darba tista' tipparteċipa.

¹⁵ https://youth.europa.eu/solidarity/young-people/community_en

¹⁶ https://youth.europa.eu/_mt

¹⁷ <https://programmes.eurodesk.eu/volunteering>

Għall-proġetti tal-KES iffinanzjati bejn l-2021 u l-2023:

- **Attività waħda transfruntiera individwali**, inkluż is-SVE (Servizz Volontarju Ewropew) jew l-Għajnuna Umanitarja. Ma tistax tagħmel aktar minn waħda ħlief f'każijiet rari u ġustifikati (massimu ta' 14-il xahar b'kolloxx)
- **Diversi attivitajiet ta' volontarjat f'tim** (sa xahrejn (2) kull waħda)

Għall-proġetti tal-KES iffinanzjati mill-2024 'il quddiem:

- **Attività waħda transfruntiera individwali (aktar minn xahrejn (2))**, inkluż is-SVE (Servizz Volontarju Ewropew) jew l-Għajnuna Umanitarja. Ma tistax tagħmel aktar minn waħda ħlief f'każijiet rari u ġustifikati
- **Diversi attivitajiet transfruntieri individwali fuq terminu qasir** (sa xahrejn (2) kull waħda)
- **Diversi timijiet ta' volontarjat** (sa xahrejn (2) kull wieħed)
- **Diversi attivitajiet fil-pajjiż tiegħek** (sa xahrejn (2) kull wieħed) – fil-pajjiż tar-residenza tiegħek

Importanti għall-proġetti mill-2024 'il quddiem:

- Iż-żmien totali għall-attivitajiet kollha ma jistax jaqbeż it-**12-il xahar**.
- L-attivitajiet ma jistgħux jikkoinċidu.
- Iż-żmien imqatta' fis-Servizz Volontarju Ewropew (SVE) jew fl-Għajnuna Umanitarja jgħodd fit-total tat-12-il xahar tiegħek.

Tehtiegħ l-għajnuna? Ikkuntattja l-[Aġenzija Nazzjonali jew s-SALTO reġjonali tiegħek¹⁸](https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/contact-national-agencies_mt) – dawn huma dejjem disponibbli għalik. U ftakar, hemm ħafna opportunitajiet impressjonanti oħra!

LISTA TA' KUNTATTI

- 1) Il-mentor tiegħi: _____
Informazzjoni ta' kuntatt: _____
- 2) L-organizzazzjoni ospitanti tiegħi fil-pajjiż ospitanti: _____
Informazzjoni ta' kuntatt: _____
- 3) L-organizzazzjoni ta' appoġġ tiegħi fil-pajjiż jibgħat: _____
Informazzjoni ta' kuntatt: _____
- 4) L-organizzazzjoni ewlenija tal-proġett tiegħi: _____
Informazzjoni ta' kuntatt: _____
- 5) Il-kuntatti ta' emerġenza tiegħi: _____

¹⁸ https://youth.europa.eu/solidarity/organisations/contact-national-agencies_mt

Anness I – Prinċipji

Prinċipji ta' kondotta

Il-prinċipji ta' kondotta deskritti hawnhekk huma ġenerali, imfassla biex ikopru l-varjetà kbira ta' parteċipanti, organizzazzjonijiet u ambjenti potenzjali li fihom jistgħu jitwettqu l-attivitajiet. Dawn għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull attività.

Bħala parteċipant/a żagħżuġh/a

L-organizzazzjonijiet li ddisinjaw l-attività tiegħek iddedikaw ħafna ħin, enerġija u riżorsi għal dan. Jekk jogħġbok irrispetta l-isforz tagħhom, kif ukoll lill-komunitajiet lokali u lin-nies li jieħdu ħsieb l-attivitajiet b'mod dirett.

Bħala organizzazzjoni ospitanti

Il-parteċipanti jgħibu magħhom ċerti ideat, konvinzjonijiet u aspettattivi. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok dawn il-ħtiġijiet peress li inti responsabbli biex tipprovdi ambjent ospitanti bbażat fuq ir-rispett u l-fiduċja.

Wegħda personali

Bħala parteċipant/a żagħżuġh/a, inti se tkun qed tirrapreżenta l-prinċipji li ġejjin:

- Inħaddan il-valuri tas-solidarjetà, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni ta' soċjetà ġusta u ugwali bbażata fuq il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza
- Irrid insaħħa is-solidarjetà bejn in-nies, filwaqt li nirrispetta l-kulturi u t-tradizzjonijiet tagħhom; għandna l-għan li nibnu komunità ta' responsabbiltajiet kondiviżi u appoġġ reċiproku
- Nixtieq nagħti kontribut ġenwin lis-soċjetà u se nuri solidarijetà, kooperazzjoni u fehim reċiproku
- M'iniex se naġixxi bl-ebda mod li bih inpoġġi lili nnifsi jew lil ħaddieħor f'riskju ta' korriment jew ħsara

Kwistjonijiet prattiċi

- Ir-reġistrazzjoni fil-Korp hija **volontarja**, u inti liberu li tħassar il-kont tiegħek fi kwalunkwe mument (sakemm ma tkunx ħadt sehem f'attività ta' volontarjat). Tista' ssib aktar informazzjoni fl-[istqarrija ta' privatezza tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġh¹⁹](https://youth.europa.eu/privacy_mt)
- Tista' tirrifjuta **kwalunkwe offerta** ta' attività ta' volontarjat tal-Korp mingħajr ma taffettwa ċ-ċans tiegħek li tirċievi offerti oħra fil-futur
- Ma **tistax tintalab** tħallas l-ebda tariffa għall-parteċipazzjoni f'attività

Fir-rigward tal-volontarjat:

- Kemm qabel kif ukoll matul l-istazzjonament tiegħek, se **tirċievi informazzjoni ċara** dwar il-kompiti li se tkun qed twettaq u (jekk meħtieġ) taħriġ xieraq u appoġġ lingwistiku.
- Trid **tiffirma ftehim** mal-organizzazzjoni ospitantiladarba taċċetta attività partikolari, li fih int se jkollok id-dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-attività tiegħek
- Inti trid **tirrispetta r-regoli, l-istruttura u l-prattiki tal-organizzazzjoni ospitanti** (li jistgħu tabilħaqq ikunu neċessarji biex tipproteġi s-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tiegħek)
- Għandek tirrispetta l-**liġijiet tal-pajjiż ospitanti**
- Fi tmiem l-attività tiegħek, se tingħata **ċertifikat** mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħek

¹⁹ https://youth.europa.eu/privacy_mt

Anness II – Kompiti u responsabbiltajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti li għandhom Tikketta ta' kwalità**Ġestjoni (organizzazzjoni ewlenija)**

- Jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-proġett f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet parteċipanti l-oħra kollha
- Jiżguraw l-prinċipji tal-volontarjat u l-istandards ta' kwalità jiġu rispettati mill-organizzazzjonijiet kollha li jieħdu sehem fil-proġett
- Jissottomettu t-talbiet għall-għotja u jerfgħu r-responsabbiltà finanzjarja u amministrattiva għall-proġett sħiħ lejn l-Aġenzija Nazzjonali
- Iwettqu l-kompiti amministrattivi kollha tal-organizzazzjoni(jiet) l-oħra involuta/i;
- Iqassmu l-għotja bejn l-organizzazzjonijiet kollha
- Iwettqu monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni b'konformità mal-proċeduri tal-programm
- Iwettqu attivitajiet ta' disseminazzjoni u ta' informazzjoni.

Qabel l-attività (rwol ta' appoġġ)

- Jagħżlu u jqabblu l-kandidati reġistrati fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew jappoġġaw lill-kandidati reġistrati biex isibu opportunitajiet xierqa (dan il-kompitu jista' jitwettaq ukoll mill-organizzazzjoni ospitanti)
- Jiżguraw li l-voluntiera jiffirmaw ftehim ta' volontarjat li jinkludi komponent ta' apprendiment u ta' taħriġ
- Iħeġġu lill-voluntiera biex jirreġistraw u jieħdu sehem fit-Taħriġ Online Ġenerali offrut fuq il-pjattaforma tal-Akkademja tal-UE u aċċessat permezz tal-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- Jiżguraw li l-voluntiera jirċievu l-appoġġ biex iwettqu t-tnejnija lingwistika (fejn japplika, l-appoġġ biex iwettqu l-Appoġġ tal-Lingwa Online u l-valutazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni)
- Jipprovdu tnejnija adegwata għall-voluntier qabel it-tluq, skont il-ħtiġijiet individwali u f'konformità maċ-Ċiklu ta' Taħriġ u Evalwazzjoni (f'każijiet speċifiċi, dan il-kompitu jista' jitwettaq ukoll mill-organizzazzjoni ospitanti)
- Jiżguraw il-parteeipazzjoni tal-voluntier fis-sessjoni ta' taħriġ ta' qabel it-tluq, jekk tkun organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali jew SALTO
- Jiżguraw li l-voluntier ikollu l-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa u jkun kopert mill-pjan tal-assigurazzjoni obbligatorja previst mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (jekk applikabbli)
- Jiżguraw li l-voluntier jirċievi l-Pakkett ta' Informazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- Jibqgħu f'kuntatt mal-voluntier u mal-organizzazzjoni ospitanti matul l-attività

Matul l-attività (rwol ospitanti)*Tagħlim, mentoraġġ u appoġġ*

- Jiżguraw li l-voluntier jattendi ċ-Ċiklu ta' Taħriġ u Evalwazzjoni sħiħ (jekk applikabbli)
- Jiżguraw li l-voluntier jagħmel użu xieraq mill-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa, u juża biss l-iskema ta' assigurazzjoni meta tkun meħtieġa miċ-ċirkostanzi (jekk applikabbli)
- Joffru lill-voluntier l-opportunità li jwettaq sett ta' kompiti definiti tajjeb, li jippermettu li jiġu integrati wħud mill-ideat, il-kreattività u l-esperjenza tal-voluntier
- Jidentifikaw opportunitajiet ċari ta' tagħlim għall-voluntier, u jidentifikawhom ukoll miegħu
- Jipprovdu appoġġ, superviżjoni u gwida relatati mal-kompiti lill-voluntier
- Jipprovdu appoġġ lill-voluntiera biex jirriflettu dwar il-proċess ta' tagħlim u biex jidentifikaw u jiddokumentaw l-eżiti tat-tagħlim tagħhom, permezz tal-għodod ta' validazzjoni tal-UE,

b' mod partikolari l-Youthpass jew il-Europass jew l-għodod nazzjonali (dan il-kompitu jista' jitwettaq ukoll mill-organizzazzjoni ta' appoġġ)

- Jappoġġjaw lill-voluntiera li jwettqu korsijiet tal-lingwa, jekk ikun meħtieġ
- Jidentifikaw mentor li huwa responsabbli biex jipprovdi lill-voluntiera:
 - appoġġ għat-twettiq ta' awtoriflessjoni dwar it-tagħlim
 - appoġġ personali
- Iħeġġu l-kuntatt ma' parteċipanti oħra tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kull meta jkun possibbli
- Jipprovdu opportunitajiet għall-integrazzjoni fil-komunità lokali, għall-integrazzjoni ma' nies oħra, eċċ.

Kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol

- Jipprovdu akkomodazzjoni xierqa u ikliet tajbin għas-saħħa (jew allowance għall-ikel) lill-voluntier, anki matul il-perjodu tal-vaganzi
- Jiżguraw li l-mezzi tat-trasport lokali jkunu disponibbli għall-voluntier
- Jipprovdu l-allowance dovut lill-voluntier fuq bażi ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar

Wara l-attività (rwol ta' appoġġ)

- Jipprovdu appoġġ għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-voluntier fil-komunità domestika
- Jipprovdu lill-voluntier bl-opportunità li jiskambja u jaqsam l-esperjenzi u l-eżiti tat-tagħlim
- Iħeġġu l-involvement tal-voluntier fit-tixrid u l-użu tar-riżultati
- Jipprovdu gwida dwar opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ jew impjieg ulterjuri
- Jiżguraw il-parteeipazzjoni tal-voluntier fl-avveniment annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà